**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 497/2019 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shawn Pawney)**
**(Spettur Wayne Camilleri)**
**vs**
**Jordan Azzopardi**

**Illum 22 t'Awwissu, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jordan Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 405889M.

Akkuzat talli:

1. Bejn is-27 ta' Frar, 2019 u l-14 ta' Marzu, 2019 gewwa Ta' Liberat Farmhouse, li tinstab gewwa San Martin Estate, limiti ta' San Pawl il-Bahar u/jew f'postijiet ohra f'dawn il-gzejjer, laqgha ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna l-hati jew il-hatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wiehed ghalih, ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew

periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, hekk kif mahsub f'Artikolu 533 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 9 t'Awwissu, 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid immarkat bhala Dok SP1, fedina penali mmarkata bhala Dok SP2.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotta kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti rat li kemm l-Ufficjal Prosekutur u kemm id-Difiza qablu li piena ta' prigunerija effettiva ma hiex l-aktar wahda idoneja fic-cirkostanzi.

Illi dwar il-piena ghar-rigward l-akkuzi, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-ammissjoni bikrija, cara u inekwivoka maghmula mill-imputat u li ghalhekk din il-Qorti ma kelliex ghalfejn tahli izjed hin sabiex tigbor il-provi.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat **Jordan Azzopardi** hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, fuq l-ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal perjodu ta' tlettax (13)-il

xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tieghu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huma jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna li l-atti jintbghatu ghand l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**